**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten'**, 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN *Citta' Beland* Frott Iż-Żebbuġ Ismi

| | | |
|---|---|---|
| **Seduta** | 07/10 | tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008 |
| **Data** | 15/04/2010 fis-6.25 pm | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar Iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | |
| **Attendenza** | Sindku Joe Attard | Assenti minħabba safar |
| | Viċi Sindku Joan Agius | Preżenti |
| | Camilleri Claude | Preżenti |
| | Darmanin Richard | Assenti |
| | Fenech Stephanie | Preżenti |
| | Hales Joseph | Preżenti |
| | Pace Darrell | Preżenti |
| | Seychell Anthony | Preżenti |
| | Wille Piscopo Elisabeth | Preżenti |

Fl-assenza tas-Sindku, il-laqgħa ġiet preseduta mill-Viċi-Sindku Joan Agius

| | |
|---|---|
| **Preżenti wkoll** | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon |
| | Assistent Prinċipal Caroline Schembri |

**07. 1.** **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 07. 1. 1 | | Proponent: Wille Piscopo<br>Sekondant: Camilleri | **Il-Minuti 06/10 inqraw u ġew approvati nem.con. bil-korrezzjonijiet li ġejjin:-** | |
| | 06.7.6 | mhux '1hr parking' iżda '30 minutes parking'. | | |
| 07. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mill-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**07. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 07. 2. 1 | 06.2.1 | Fenech: Siġra fejn jarma l-Monti | Fenech infurmat lill-Kunsill dwar siġra li l-għeruq tagħha qed itellgħu t-tarmak fil-pjazza ta' fejn jarma s-Suq faċċata tal-ħanut Flashpoint. | |
| 07. 2. 2 | 06.2.4 | Viċi-Sindku: Impjegata Part-time | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li Ms Rosemarie Cassar bdiet il-ħidma tagħha mal-Kunsill Lokali Żejtun kif kien miftiehem fis-6 ta' April. Il-Kunsill jixtieq jiltaqa' magħha u għaldaqstant Ms Cassar ser tkun mgħajjta sabiex laqgħa oħra tkun preżenti. | Segretarjat |
| 07. 2. 3 | 06.2.6 | Viċi-Sindku: Skart reċiklabbli | Il-Kunsilliera individwaw żoni madwar il-lokalita' fejn għadu qed jintefa' l-iskart bħal Triq Ħal Bajda u saħansitra anke mal-bring-in sites. Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li wardens pajżana ser jagħmlu sorveljanza f'żoni speċifiċi indikati mill-Kunsill. **Il-Kunsill qabel li għandu jiċċekkja jekk jistgħux jinħarġu ċitazzjonijiet għal tfiegħ ta' skart u f'każ li ma jistax, jibda proċeduri biex issir bye-law.** | Sindku |
| 07. 2. 4 | 06.2.8 | Viċi-Sindku: Qsari fi Triq Falkunier | Mil-laqgħa li l-Kunsill kellu mal-Pulizija, tqajjem il-punt ta' qsari fuq il-bankina fi Triq Falkunier hekk kif ġie irrapurtat fil-laqgħa preċedenti. Il-pulizija min-naħa tagħhom mhux ser issib oġġezzjoni ladarba l-qsari ma jkunux ta' ingombru għall-bankina u l-istess bankina tkun aċċessibli għall-persuna b'pushchair. | Sindku Viċi-Sindku Darmanin |
| 07. 2. 5 | 06.2.9 | Viċi-Sindku: Cameras Ġnien San Girgor | Is-Segretarjat irraporta lill-Kunsill li saret spezzjoni mid-Dedicated Micros fi Ġnien San Girgor minħabba l-cameras iżda għad jonqos xi affarijiet tekniċi li jridu jsiru mill-MITA. | Segretarjat |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 07. | 2. | 6 | 06.2.11 | Camilleri: Skip - Skola Primarja A | Dwar l-iskip nieqsa mill-iskola Primarja A, is-Segretarjat għadu qed jistenna risposta mingħand il-kuntrattur Frans Said. | Segretarjat |
| 07. | 2. | 7 | 06.3.2 | Bus Shelters - Triq Tal Barrani | Is-Segretarjat informa lill-Kunsill li l-bus shelters li ser jinbidlu minn Trasport Malta huma fi Triq Tal Barrani. | Darmanin |
| 07. | 2. | 8 | 06.3.3 | Segretarjat: Ġbir ta' Skart Bieb Bieb | Is-Segretarjat informa lill-Kunsill li s-sejħa għat-Tender ta' ġbir ta' skart bieb bieb se toħroġ fil-gazzetta tal-gvern tat-Tlieta 20 ta' April filwaqt li se tkun tista' tingħabar bejn il-5 u t-28 ta' Mejju. | Segretarjat |
| 07. | 2. | 9 | 06.3.4 | Viċi-Sindku: Laqgħa mal-podiatrists | Il-Viċi-Sindku irrapurtat lill-Kunsill li ma setgħetx tagħmel kuntatt telefoniku mal-persuna inkarigata sabiex isiru laqgħat għall-pubbliku minn podiatrists. | Viċi-Sindku |
| 07. | 2. | 10 | 06.5.1 | Viċi-Sindku: Impjieg tas-Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv iċċara l-punt mal-Kunsill fejn hu ma jistax jaqla transfer iżda t-transfer jista' jseħħ kemm -il darba jitolbu hu nnifsu jew il-Kunsill. Wara li l-Kunsill reġa' evalwa s-sitwazzjoni, kien hemm qbil li s-Sindku f'isem il-Kunsill għandu jiffirma l-karti tat-terminazzjoni ta' l-impjieg minn mal-Kunsill Lokali Żejtun. Dan sabiex is-Segretarju Eżekuttiv ma jkunx kif żvantaġġ. | Sindku |
| 07. | 2. | 11 | 06.7.1 | Viċi-Sindku: Triq President A. Buttiġieġ | Il-Viċi-Sindku ippreżentant petizzjoni mir-residenti ta' Triq President Anton Buttiġieġ għal serviċe road fl-istess triq. **Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat ittra lir-residenti ta' din it-triq li hu jaqbel li għandha issir service road kif ukoll joħroġ stqarrija għall-media fejn jagħmel referenza għall-korrispondenza li għamel preċedentament ma' TM u kif ukoll issemmi toroq oħra f'lokalitajiet oħra li saru bis-service road.** Dan fid-dawl tad-diskriminazzjoni li qed tinħoloq mar-resdienti tat-triq inkwistjoni. | Sindku<br>Darmanin<br>Segretarjat |
| 07. | 2. | 12 | 06.7.6 | Hales: 30 minutes parking fi Vjal 25 ta' novembru | Hales irrimarka sabiex issir tabella bil-ħinijiet meta tapplika 30minutes parking, iġifieri waqt il-ħinijiet ta' l-HSBC. **Il-Kunsill qabel nem.con.** | Darmanin |
| 07. | 2. | 13 | 06.7.8 | Viċi-Sindku: Bollard fi Pjazza l-Bjar | Il-Kunsill ġie infurmat li l-bollard li ser issir fi Pjazza l-Bjar ser tkun titla' u tinżel. | Darmanin |
| 07. | 2. | 14 | 06.7.9 | Viċi-Sindku: Mera tat-traffiku fi Vjal 25 ta' Novembru | Fid-dawl tad-diskussjoni li tqajjmet għall-mera tat-traffiku għall-użu mis-sidien tal-garaxxijiet fi Vjal 25 ta' Novembru, **il-Kunsill qabel li din il-mera għandha issir għas-spejjeż tas-sidien.** | Darmanin |
| 07. | 2. | 15 | 06.7.10 | Viċi-Sindku: Crash Barriers f'diversi postijiet | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-crash barriers hekk kif mitluba f'diversi inħawi ser issir la darba l-Kunsill ikollu l-finanzi għalihom. | Sindku<br>Darmanin |
| 07. | 2. | 16 | 06.7.12 | Fenech: Fondi ta' l-Aerobics | Il-Kunsill ġie infurmat li l-aħħar pagament mill-fondi ta' l-aerobics għadu ma sarx. Fenech infurmat lill-Kunsill li ser ikun hemm korsijiet oħra ta' l-aerobics u ser tattendi laqgħa biex takkwista aktar informazzjoni nhar it-Tnejn 19 ta' April. | Fenech |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 07. 2. 17 | 06.7.13 | Hales: Attendants fi Ġnien San Girgor | Hales informa lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni ta' l-attendants fil-latrina ta' Ġnien San Girgor. Il-Public Cleansing Department minn 5 latrine attendants naqsu għal 2 liema sitwazzjoni tiggrava meta jkun hemm sick u vacation leave. Għaldaqstant ser issir laqgħa mal-kuntrattur sabiex is-sitwazzjoni tkun rimedjata fl-aqsar żmien possibli. Issemma wkoll il-każ ta' l-impjegat Joseph Saliba fejn dan mhuwiex impjegat mal-PCD iżda mal-Bibljoteka. Dan hu każ li l-Kunsill ma jafx min japprovalu l-leave, sick etc. | Sindku Hales |
| 07. 2. 18 | 06.7.14 | Fenech: Hike 28.03.2010 | Fenech irrapurtat il-hike li sar nhar it-28 ta' Marzu fejn it-temp inżerta sabiħ u kienet ġuranata tajba. Wara l-hike iż-żgħażagħ kellhom quddiesa ma' l-Arcisqof Pawlu Cremona. | Fenech |
| 07. 2. 19 | 06.7.15 | Camilleri: Funwalk | Camilleri irringrazzja lil Hales għall-knis li sar minn fuq il-bankini ta' l-iskola dak inhar tal-funwalk. | |
| 07. 2. 20 | 06.7.17 | Camilleri: Shifting ta' bozza fi Triq San Klement | Camilleri reġa' fakkar li s-shifting ta' bozza fi Triq San Klement għadu ma sarx. | Sindku |
| 07. 2. 21 | 06.7.18 | Camilleri: Stop Sign | Camilleri reġa' fakkar dwar l-istop sign fi Triq il-Marrubja li għadu ma sarx. | Darmanin |
| 07. 2. 22 | 06.7.20 | Hales: Katusa tal-bejt fi Ġnien tal-Kmandant | Hales informa lill-Kunsill li katusa tal-bejt fi Ġnien San Girgor tnaddfet. | |
| 07. 2. 23 | 06.7.22 | Viċi-Sindku: Preżentazzjoni tal-Biros | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-preżentazzjoni tal-biros lill-istudenti ta' Skola Primarja B ser issir meta s-Sindku jiġu lura mis-safar. | Sindku Viċi-Sindku |
| 07. 2. 24 | 06.7.23 | Viċi-Sindku: Easter Weekend Break | Il-Viċi-Sindku rrapurtat l-Easter Weekend Break li sar ġewwa d-Dolmen Hotel. | Viċi-Sindku |
| 07. 2. 25 | 06.7.24 | Viċi-Sindku: Seba' Visti | Il-Viċi-Sindku irrapurtat l-attivita' tas-seba' visti liema attivita' iddaħlet mal-kalendarju annwali. | Viċi-Sindku |
| 07. 2. 26 | 06.7.25 | Viċi-Sindku: Programm ta' Attivitajiet | Il-Viċi-Sindku ħeġġet lill-kunsilliera sabiex jgħaddu lis-Segretarjat il-programm tas-sotto kumitati rispettivi sal-Ġimgħa 23 ta' April. | Viċi-Sindku Camilleri Fenech Seychell |
| 07. 2. 27 | 06.7.28 | Viċi-Sindku: Laqgħa MTA | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-laqgħa mas-Sur Kevin Drake ta' l-MTA ser issir nhar l-4 ta' Mejju fid-9.30am. | Sindku - Viċi-Sindku |

**07. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML07/10. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 3. 1 | 01 | MEPA: PA676/10 | **Il-Kunsill qabel li għandu jiġbed l-attenzjoni tad-Dipartiment ta' l-Artijiet minħabba l-alignment.** | Sindku |
| 07. 3. 2 | 02 | MEPA: PA1874/09, 1050/10, 859/10 | **Il-Kunsill qabel nem.con sabiex jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA li dawn is-siti jinsabu fil-village core u għalhekk għandu jinżamm it-texture u l-karattru ta' l-inħawi.** | Sindku |
| 07. 3. 3 | 06 | MEPA: Urban Improvement Funds | Il-Kunsill ġie infurmat li ser issir laqgħa bejn il-Perit tal-Kunsill u l-MEPA sabiex jiġu sodisfatti l-kriterji hekk kif mitluba mill-MEPA. | Sindku |
| 07. 3. 4 | 13 | DLG: Direttur sa 16.04.10 | **Il-Kunsill qabel li għandu jikteb ittra ta' ringrazzjament lid-Direttur tal-Gvern Lokali fid-dawl tat-tmiem tal-kariga tiegħu.** | Segretarjat |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 07. | 3. | 5 | 16 | Għaqda Banda Żejtun: Billboard tal-Festa | Rigward l-ittra tal-Għaqda Banda Żejtun dwar billboard tal-festa, il-Kunsill ħass li għandu jistaqsi lill-istess għaqda kemm se jdum u l-qis tall-billoard. **Fuq proposta ta' Hales, il-Kunsill qabel li għandu jħejji formola ta' applikazzjoni bi specifications u bil-kundizzjoni li l-billboard għandu jittella' xahar qabel l-attivita' u jitneħħa mhux aktar tard minn ħmistax wara l-attivita'.** | Segretarjat |
| 07. | 3. | 6 | 17 | Għaqda Mużikali Beland: Billboard tal-Festa | Wara li inqrat l-ittra ta' l-Għaqda Mużikali Beland, ġie innutat li l-qis tal-billboard kif speċifikat fl-ittra huwa ħażin peress li dan diġa' twaħħal u **l-Kunsill qabel li dan il-billboard għandu jittella fejn jarma s-Suq.** | |
| 07. | 3. | 7 | 18 | Għaqda Mużikali Beland: Awgurju tal-Festa | **Il-Kunsill qabel li bħas-snin l-imgħoddija iwassal l-awguri tal-festa lill-poplu Żejtuni biex jagħmel reklam ta' nofs paġna black and white ta' l-Għaqda Mużikali Beland, Għaqda Banda Żejtun, Għaqda tan-Nar, Għaqda ta' l-Armar, Uffiċċju Parrokkjali.** | Segretarjat |
| 07. | 3. | 8 | | Għaqda Mużikali Beland: 50 Anniversarju Dr A. Cachia Zammit | L-Għaqda Mużikali Beland ser itella' ġimgħa ta' attivitajiet bejn is-7 u l-11 ta' Ġunju fl-okkażjoni tal-50 anniversarju minn meta Dr A Cachia Zammit sar President ta' l-istess għaqda. Il-Viċi-Sindku ġibdet l-attenzjoni li l-attivita' 'Il-Festa Magħna' issir ġimgħa ta' qabel il-festa filwaqt li Seychell ġibed l-attenzjoni dwar l-attivita' ta' Lejla Poeżija. Il-Kunsill iħoss li kellu jkun avviċinat qabel ma' l-Għaqda fasslet il-programm minħbba l-kalendarju ta' l-istess Kunsill. **Għaldaqstant ġie deċiż li l-attivita' 'Il-Festa Magħna' tittella' nhar id-9 ta' Ġunju filwaqt li l-lejla poeżija tibqa' skedata għall-11 ta' Ġunju.** Hales ippropona li jinxtara rigal kommemorattiv għal Dr A Cachia Zammit sabiex jiġi ippreżentat mill-Kunsill. | |
| 07. | 3. | 9 | 21 | Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali: Estenzjoni tal-Kuntratt | **Il-Kunsill qabel li jġedded l-użu ta' l-uffiċċji lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali għal tliet xhur oħra għall-prezz ta' €30 kull jum.** | Segretarjat |
| 07. | 3. | 10 | | Camilleri: Prize Days | Camilleri fakkar fil-Prize Day ta' Skola Primarja B li ser issir nhar id-19 ta' April fis-6pm. Inxtraw 2 kotba għal din il-prize, wieħed ser jitqassam waqt il-Prize Day mis-Sindku u l-ieħor ser jintrebaħ b'kompetizzjoni bejn it-tfal dwar komponiment li jirrigwardja iż-Żejtun. Wille Piscopo irrimarkat li mhux il-Kunsill kollu kien mistieden għal din il-Prize Day. Camilleri fakkar ukoll dwar il-prize day tas-7 ta' Mejju fl-Iskola tas-Subien tal-Ħamrun. Is-Sindku u l-Viċi-Sindku mitlubin jattendu. Il-Prize Day fil-Liceo Carlo Diacono ser issir nhar it-30 ta' April 2010. | Sindku Viċi-Sindku Camilleri |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 07. 3. 11 | | Camilleri: Għotja ta' Flus | Camilleri irraporta li l-Kunsill taż-Żejtun ingħata €230 f'book vouchers mill-Onor. Chris Said waqt preżentazzjoni. Camilleri ippreżenta wkoll book marks li tħejjew mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali bl-istemma tal-Kunsill. | Camilleri |
| 07. 3. 12 | | Perit JB Farrugia: Pjanta tat-tkabbir tas-Suq | Il-Kunsill gie mgħarraf li ġiet sottmessa l-pjanta tat-tkabbir tas-Suq quddiem il-MEPA. | Sindku Pace |
| 07. 3. 13 | | DLG: WIFI | il-Kunsill issottometta l-applikazzjoni tiegħu għal sistema ta' WIFI fi Ġnien San Girgor. | Pace |
| 07. 3. 14 | 25 | ETC: Xogħol fil-komunita' | Il-Kunsill ġie mgħarraf li se jingħata żewġ persuni taħt l-iskema ta' xogħol fil-komunita'. | |

| **07. 4.** | | **Ħlasijiet** | | |
|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 07. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 07/10 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 07. 4. 2 | | Tabella tal-Ħlasijiet 07/10 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 07/10 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 07. 4. 2 i | 65 | Nexos Lighting Technology | Ġie innutat li d-data tal-kont hija f'April. Għaldaqstant dan ma jistax jitħallas minħabba li dan il-kont irid jippreżentat lill-EU għal re-imbors u jrid ikun datat sa l-aħħar ta' Jannar jiġifieri meta spiċċa l-proġett Arti Żagħżugħa. | Segretarjat |
| 07. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri 07/10 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |

| **07. 5.** | | **Xogħol fi Ġnien Brejġu** | | |
|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 07. 5. 1 | | Viċi-Sindku: Rapport | Il-Viċi-Sindku irrapurtat ix-xogħol li qed isir fuq Ġnien Brejġu. Bħalissa għaddej xogħol ta' tikħil. Seychell irrimarka li fi Ġnien Brejġu hemm fdal ta' sigra tal-palm. Hales qal li din ma tistax titneħħa bil-kuntrattur tal-Kunsill peress li din hija infettata mil-bumunqar l-aħmar. | Sindku |

| **07. 6.** | | **Financial Statements** | | |
|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 07. 6. 1 | 06.7.5 | Segretarjat | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill bl-aġġustamenti li saru u għalhekk il-financial statements kienu qed jerġgħu jiġu għall-approvazzjoni tal-Kunsill. **Il-Kunsill approva dawn il-financial statements u għaldaqstant ġew iffirmati.** | Sindku Segretarju Eżekuttiv |

| **07. 7.** | | **Żjara tal-President** | | |
|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 07. 7. 1 | | Viċi-Sindku: Rapport | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill bl-aħħar aġġornamenti taż-Żjara tal-President. Fit-13 ta' Mejju laqgħa ma' l-NGOs u riċeviment filwaqt li fil-16 ta' Mejju l-ġurnata tibda b'quddiesa fit-8am wara jitpoġġew il-fjuri mal-monument tal-vittmi tal-gwerra, issir żjara liż-żewġ każini tal-baned filwaqt li s-Sinjura Abela ser iżżur il-Crafts Centre ta' Dar Nazzarett, Sorijiet ta' San Ġużepp u familja fil-bżonn. Il-programm jagħlaq f'Ġebel San Martin fejn ser titella' sports day, il-President ta' Malta jiltaqa' mat-tfal tan-nursery u jikxef lapida tal-ftuħ uffiċjali ta' Ġnien iż-Żgħożija. | Sindku Viċi-Sindku |

**07. 8.** **Mozzjonijiet u Xogħlijiet**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | |
|---|---|---|---|---|
| 07. 8. 1 | | Proponent: Camilleri<br>Sekondant: Wille Piscopo | **Il-Kunsill qabel li bħas-snin l-imgħoddija jsiru korsijiet matul is-Sajf fl-Ingliż, Malti, Story Telling, Taljan, Franċiż u Kompjuter.** | Camilleri |

**07. 9.** **Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 07. 9. 1 | | Wille Piscopo: Sleeping Policeman | Wille Piscopo talbet lill-Kunsill jikkunsidra li issir sleeping policeman fi Triq Dejma k/m Triq San Girgor. | Darmanin |
| 07. 9. 2 | | Pace: Ġnien iż-Żgħożija | Pace ġibed l-attenzjoni tal-periklu eżistenti fi Ġnien iż-Żgħożija ħdejn il-funtana, għaldaqstant ippropona li jsiru ċnut żgħar. | Sindku |
| 07. 9. 3 | | Pace: Ġbir ta' skart reċiklabbli | Pace ġibed l-attenzjoni li l-ġbir ta' skart reċiklabbli bieb bieb qed isir fis-6.30am. | Sindku |
| 07. 9. 4 | | Pace: Għeluq ta' Triq Santa Katarina | Pace ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-permessi nhar ta' Erbgħa tal-parti t'isfel ta' Triq Santa Katarina. Dan peress li l-għeluq ta' din it-triq qed jikkawża konġestjoni tat-traffiku. **Għaldaqstant il-Kunsill qabel li nhar ta' Erbgħa din it-triq ma tingħalaqx.** | Darmanin |
| 07. 9. 5 | | Pace: Xogħol ta' skavar | Pace staqsa jekk hux permess isir xogħol ta' skavar fil-għodu kmieni. Il-Kunsill iddeċieda li jistaqsi lill-pulizija x'tgħid il-liġi. | Segretarjat |
| 07. 9. 6 | | Camilleri: Librerija | Camilleri informa lill-Kunsill li ġie ppreżentat ktieb lill-istudenta Janesia Spiteri li rebħet il-persuna bħala l-aktar persuna li tiffrekweta l-liberija. Il-preżentazzjoni saret mill-Onor. Dolores Cristina. | Camilleri |
| 07. 9. 7 | | Camilleri: Studenta Interior design | Camilleri informa lill-Kunsill li studenta universitarja li qed tistudja l-interior design għoġobha tagħżel il-librerija taż-Żejtun sabiex tagħmel disinn mill-ġdid tagħha ħalli iżjed tattira t-tfal. | Camilleri |
| 07. 9. 8 | | Camilleri: Ftuħ tal-librerija nhar ta' Sibt | Camilleri talab li issir laqgħa ma' l-Onor Chris Said sabiex ngħarrfuh bil-problema eżistenti li l-Kunsill ma jistax jiftaħ il-librerija nhar ta' Sibt. Il-Viċi-Sindku qalet li din ser tkun item fuq l-agenda flimkien mal-Mużew taż-Żejt fil-laqgħa li jmiss ma' Dr Chris Said. | Camilleri |
| 07. 9. 9 | | Camilleri: Ħofra fil-Ġnien San Girgor | Camilleri ġibed l-attenzjoni dwar ħofra li hemm bejn Ġnien San Girgor mad-Dar ta' l-Anzjani. | Sindku |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 07. | 9. | 10 | Camilleri: Green Bags għall-iskejjel | Camilleri talab sabiex l-iskejjel jingħataw il-green bags għall-iskart riċiklabbli. | Viċi-Sindku |
| 07. | 9. | 11 | Camilleri: Fuljett għall-istudenti | Camilleri ġie infurmat mill-kap ta' l-Iskola Primarja B li ser jitqassam fuljett lill-istudenti kollha u għaldaqstant talab lill-Kunsill attivitajiet immirati għat-tfal sabiex jitniżżlu fil-fuljett. | Camilleri |
| 07. | 9. | 12 | Camilleri:- sleeping policeman | Camilleri talab sabiex issir sleeping policeman fi Triq Sir Paul Boffa quddiem Lasco Supermarket. | Darmanin |
| 07. | 9. | 13 | Seychell: Pajpijiet f'Misraħ Diċembru XIII | Seychell reġa' qajjem quddiem il-Kunsill il-periklu tal-pajpijiet f'Misraħ Diċembru XIII peress li dil-ġimgħa waqgħet persuna oħra. **Il-Kunsill qabel li dawn il-pajpijiet għandhom jitneħħew mill-aktar fis.** Għaldaqstant ġie deċiż li jitwaħħlu t-tabelli no parking qabel isir ix-xogħol. | Viċi-Sindku |
| 07. | 9. | 14 | Seychell: Palma fi Triq Strejnu | Seychell ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar palma li għandha bżonn tinżabar fi Triq Strejnu. Hales qal li ż-żbir ma sarx biex ma ssirx ħsara fuq fjuri ta' residenza. Seychell talab ukoll sabiex jinġabar tank imsaddad. | Hales |
| 07. | 9. | 15 | Seychell: Bring in site Żona tal-Ħniena | Seychell staqsa fhiex waslet il-proposta għal bring in site oħra fiż-żona tal-Ħniena. Il-Viċi-Sindku qalet li din għadha qed tiġi evalwata. | Sindku |
| 07. | 9. | 16 | Viċi-Sindku: Attivita' Jum l-Omm | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-attiivta' annwali għal Jum l-Omm ser issir fis-6 ta' Mejju b'quddiesa fil-Qawra u wara coffee morning ġewwa s-Suncrest. | Viċi-Sindku |
| 07. | 9. | 17 | Viċi-Sindku: Rampa - Triq Vittmi tal-Gwerra | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar ir-rampa li saret fi Triq Vittmi tal-Gwerra. | Viċi-Sindku |

Il-Sindku għalaq il-laqgħa fid-8.45pm. Laqgħa oħra ser issir fil-6 ta' Mejju, 2010 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm.

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv